Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Numru 2080/2000/1

**Mary Anne ŻAMMIT, Joseph Ellul, u Monica Aquilina lkoll aħwa Ellul**

**vs**

**Antonia u Bernarda aħwa ELLUL**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Settembru, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-imħarrkin, bħala l-werrieta ta' Emanuel Ellul, missierhom u n-nannu patern tal-atturi, iħallsuhom il-leġittima li l-atturi jistħoqqilhom jirċievu mill-imsemmi wirt, u dan wara li ssir il-likwidazzjoni tas-sehem ta' leġittima li għandhom jedd jirċievu u billi jsir l-ordni għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv u l-ħatra ta' nutar biex jippubblika l-att imsemmi;


Qrati tal-Gustizzja

Rat in-Nota mressqa fit-13 ta' Novembru, 2000, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li huma qatt ma ċaħħdu lill-atturi jew lil missierhom minn dak li huwa tagħhom. Huma jżidu jgħidu li fl-1992 kienu offrew lil missier l-atturi l-ħlas xieraq u aġġornat tal-leġittima, iżda dan kien irrifjutah. Jgħidu għalhekk, li l-ħlas li huma jmisshom iħallsu lill-atturi m'għandux jaqbeż il-ħlas li kienu offrew lil missier l-atturi;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2001, li fih il-Qorti (diversament presjeduta) ordnat li ssir it-trattazzjoni limitatament dwar l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit, dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Rat is-sentenza tagħha tad-19 ta' Frar, 2004[1], dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari, u jiġifieri dwar liema valur għandu jiġi mogħti lill-wirt għall-finijiet tal-kejl/qies tas-sehem tal-leġittima;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Marzu, 2004[2], fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-24 ta' Frar, 2004, li bih ħalliet lill-istess atturi jressqu appell mill-imsemmija sentenza;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2005[3], li laqgħet l-appell tal-atturi u stabiliet il-kriterju li jrid jittieħed meta jiġi biex jitqies il-valur tal-wirt li minnu trid titħallas il-leġittima, u reġgħet għaddiet lura l-atti tal-kawża lil din il-Qorti biex tkompli tisma' l-kawża fil-mertu u fuq il-kriterju hekk determinat;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2005, li bih ħatret lill-Perit Arkitett Joseph Ellul Vinċenti biex jistma l-ġid li jagħmel parti mill-wirt;

---

[1] Paġġ. 47 sa 53 tal-proċess
[2] Paġ. 60 tal-proċess
[3] Paġġ. 75-9 tal-proċess

Rat ir-relazzjoni mressqa mill-perit ġudizzjarju fit-12 ta' Settembru, 2005[4], minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-20 ta' Ottubru, 2005;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta' Diċembru, 2005, li bih l-imħarrka Bernardina Ellul iddikjarat li hija u l-imħarrka l-oħra kienu disposti li jillikwidaw il-leġittima li jmisshom l-atturi fuq il-bażi tal-istejjem magħmulin mill-perit ġudizzjarju fir-rapport maħluf tiegħu;

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar, 2006, li fih il-Qorti tat lill-imħarrkin aktar żmien biex jirregolaw irwieħhom u jħallsu lill-atturi sehemhom ta' leġittima;

Rat li, minkejja ż-żmien mogħti, l-imħarrkin baqgħu inadempjenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat***:

Illi din hija azzjoni għall-likwidazzjoni u ħlas tal-leġittima (illum il-ġurnata magħruf mil-liġi bħala "s-sehem riżervat"). L-atturi qegħdin jitolbu li jiġi likwidat is-sehem tal-leġittima li missierhom kellu jedd għalih mill-wirt ta' missieru;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu li huma qatt irrifjutaw lil ħuhom sehemu mil-leġittima dovuta lilu mill-wirt ta' missierhom. Qalu li kienu għamlulu offerta ta' somma likwida bi ħlas, imma kien hu li naqas li jaċċettaha;

Illi mill-<u>fatti ewlenin li jsawru l-każ</u> joħroġ li l-atturi huma wlied ħu l-imħarrkin. Missier l-atturi miet f'Novembru tal-1998, mingħajr ma kien għamel testment. Missieru, li wkoll kien jismu Emanuele, miet wara li kien romol f'Jannar tal-1987. Fit-testment ta' Emanuele Ellul (*senior*),

[4] Paġġ. 87 sa 91 tal-proċess

missier l-atturi kien irrinunzja għall-wirt ta' missieru, imma żamm sħaħ il-pretensjonijiet tiegħu bħala leġittimarju. Missier l-atturi baqa' ma ħax il-leġittima mill-wirt ta' missieru sa ma miet. L-imħarrkin kienu qabbdu perit biex jagħtihom stima ta' kemm kienu jiswew iż-żewġ bini li kienu jagħmlu mill-wirt[5]. Huma kienu offrew ukoll lil missier l-atturi somma għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu dwar il-leġittima[6]. Emanuele Ellul (*senior*) kellu erba' (4) wlied li baqgħu jgħixu warajh: iż-żewġ imħarrkin, missier l-atturi u bint oħra, Mary Rose miżżewġa Xuereb. L-imħarrkin waslu fi ftehim bonarju ma' oħthom Mary Rose Xuereb dwar il-ħlas tas-sehem tagħha tal-leġittima. Il-kawża nfetħet f'Settembru tal-2000;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jifdal f'din il-kawża jintrabtu mal-likwidazzjoni tal-ammont li l-atturi – bħala werrieta fil-liġi ta' missierhom – jistħoqqilhom jirċievu mingħand iz-zijiet tagħhom, l-imħarrkin. Il-kriterju li jrid jintuża mill-Qorti huwa dak tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat "fi żmien l-aktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjarja". Issa li l-kriterju li għandu jintuża ġie mfisser u stabilit, ma hux il-każ li terġa' tinfetaħ il-kwestjoni dwar jekk huwiex minnu li l-imħarrkin kienu disposti li jwettqu dmirijiethom lejn l-atturi;

Illi qabel xejn irid jingħad ukoll li matul iż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama', l-liġi tas-suċċessjoni[7] għaddiet minn bidla wiesgħa f'għadd ta' oqsma tagħha. L-istitut tal-leġittima kien wieħed mill-oqsma milquta sewwa b'dawn il-bidliet. Madankollu, minħabba li fil-każ li għandna quddiemna, l-wirt infetaħ qabel ma daħlu fis-seħħ l-imsemmija bidliet, il-kwestjoni trid titqies skond kif kienet il-liġi fiż-żmien f'dak iż-żmien[8];

Il-liġi kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (*quota bonorum*) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li

[5] Dok "AE3", f'paġ. 20 tal-proċess
[6] Dok "AE2", f'paġ. 19 tal-proċess
[7] Permezz tal-Att XVIII tal-2004, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Frar, 2005, u fl-1 ta' Marzu, 2005 (A.L. 37 tal-2005 u A.L. 48 tal-2005)
[8] Art. 116(2) tal-Att XVIII tal-2004

jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt[9]. Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-*decuius*[10];

Illi jsegwi li l-leġittima trid tingħata *in natura*[11], jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ[12]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral[13] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur[14], u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni[15]. Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti[16];

Illi ladarba Emmanuele Ellul (in-nannu tal-atturi) kellu erba' wlied ħajjin fil-waqt ta' mewtu, dan iġib li s-sehem riżervat sħiħ għandu jkun ta' terz ($^1/_3$) tal-ġid ereditarju kollu tiegħu[17]. Dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu[18]. Dan ifisser li l-ulied kollha – kemm dawk li nħatru werrieta u wkoll dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt – iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat[19]. Minħabba li l-atturi huma wlied

[9] P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)
[10] App. Ċiv. **10.6.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia noe et vs Mintoff noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472)**
[11] P.A. **22.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer et vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.574**)
[12] Art. 620(3) tal-Kap 16
[13] Art. 620(2) tal-Kap 16
[14] Art. 620(4) tal-Kap 16
[15] Art. 620(1) tal-Kap 16
[16] P.A. **7.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Meli et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.696**)
[17] Art. 616(1) tal-Kap 16
[18] Art. 616(2) tal-Kap 16
[19] Art. 618(3) tal-Kap 16

wieħed minn ulied il-mejjet, huma jieħdu s-sehem tagħhom daqslikieku missierhom kien għadu ħaj, jiġifieri huma jintgħaddu *per stirpes*[20]. Dan kollu jġib li s-sehem riżervat tal-atturi kollha flimkien mill-wirt ta' nannuhom huwa ta' parti waħda minn tnax-il parti ($^{1}/_{12}$) mill-ġid tal-mejjet;

Illi huwa prinċipju aċċettat ukoll li s-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih. Tali mgħax jibda għaddej minn dak inhar li jinfetaħ il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-leġittimarju u mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt[21];

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ewlenin dwar l-istitut tal-leġittima, u minn dak li ħareġ mill-atti tal-kawża, is-sehem riżervat li minnu għandhom jedd jieħdu l-atturi jrid jinħadem fuq l-ammont ta' mija u tmint elef lira Maltija (Lm 108,000) li huwa l-valur stmat taż-żewġ postijiet li kienu jagħmlu parti mill-wirt tan-nannu tal-atturi. Dan ifisser li l-atturi jridu jieħdu, bejniethom, sehem riżervat fl-ammont ta' disat elef lira Maltija (Lm 9,000). Kif ingħad diġa' minn din il-Qorti fis-sentenza preliminari tagħha tad-19 ta' Frar, 2004, dan il-kalkolu qiegħed jinħadem fuq il-fehma li l-assi kollha li kien għad fadal mill-wirt ta' Emmanuele Ellul (*senior*) kienu sewwasew iż-żewġ fondi fi Triq il-Kbira, Birkirkara, imfissrin u stmati mill-perit ġudizzjarju fir-relazzjoni peritali tiegħu. Ta' min jgħid li, filwaqt li l-atturi qagħdu fuq l-istejjem magħmula mill-imsemmi perit, l-imħarrkin ma opponewhom bl-ebda mod, imma, għall-kuntrarju, kienu iddikjaraw li kien fi ħsiebhom jirregolaw irwieħhom skond l-istess stejjem;

Illi wieħed issa jrid jara jekk is-sehem hekk likwidat jistax jittieħed mill-atturi *in natura*, jew jekk l-atturi għandhomx jieħdu s-sehem tagħhom bil-ħlas ta' somma flus. Ix-xewqa tal-liġi li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt skond in-natura tiegħu tista' ma titwettaqx jekk kemm-il darba biex isir hekk, iseħħ preġudizzju għall-ġid tal-istess wirt. Bħalma jseħħ fir-regoli dwar jekk ishma f'wirt jistgħux jinqasmu f'ammonti ndaqs, hekk ukoll

[20] Art. 617 tal-Kap 16
[21] P.A. **16.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Said vs Borġ Grech noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.568**)

hawnhekk, fejn ikun meħtieġ li xi sehem jingħata jew irid iħallas lil sehem ieħor somma qawwija f'ekwiparazzjoni, l-għażla għandha tkun favur il-ħlas ta' somma u mhux favur qasma artifiċjali. Ta' min jgħid li l-liġi trid li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt, u ma tgħidx li jrid ikun magħmul minn biċċa minn kull ħaġa f'tali wirt. L-istess ħaġa tingħad jekk, fost il-ġid li jkun hemm fil-wirt, partijiet minnu jkunu tħallew mill-mejjet bħala legati jew prelegati, sakemm ma jkunx b'hekk inqabeż is-sehem li minnu l-istess mejjet seta' iddispona. Hija dejjem l-għażla u d-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis jekk għandhiex issir assenjazzjoni *in natura* tal-ġid lil-leġittimarju;

Illi, fil-każ li għandna quddiemna, il-wirt tan-nannu tal-atturi li fuqu jista' jinħadem is-sehem riżervat huwa magħmul minn żewġ postijiet. Wieħed huwa meqjus li jiswa 'l fuq minn mitt elf lira Maltija, u l-ieħor li jlaħħaq it-tmint elef lira Maltija. Dan tal-aħħar jikkonsisti fl-utli dominju temporanju (għal madwar erbgħin sena li fadal) tal-post użat bħala ħanut f'numru mija u tlieta (103), Triq il-Kbira, Birkirkara, u li hu suġġett għal ċens ta' ħamsin ċenteżmu (Lm 0.50) fis-sena. Ma jissemma mkien li l-istess post jinsab mikri jew li huwa okkupat minn terzi. Għalhekk, il-Qorti qegħda tqisu bħala ħieles għall-użu. Il-Qorti jidhrilha li l-atturi jistgħu jingħataw l-imsemmi ħanut bħala ħlas in parti tas-sehem riżervat dovut lilhom, flimkien ma' somma ta' elf lira Maltija (Lm 1,000) bħala ekwiparazzjoni biex b'hekk jintlaħaq is-sehem sħiħ ta' leġittima ta' disat elef lira Maltija (Lm 9,000) li għadha kemm ġiet lilhom likwidata;

Illi dwar dak li l-imħarrkin jeċepixxu fit-**tieni eċċezzjoni** tagħhom, il-Qorti ma ssibx li tista' taqbel mal-pożizzjoni meħuda minnhom. Huma jgħidu li l-ammont li huma għandhom jiġu kundannati jħallsu lill-atturi huwa dak li huma kienu offrew lil missier l-istess atturi meta dan kien għadu ħaj. L-imħarrkin kienu jistgħu b'xi mod jiġu ġustifikati f'argument bħal dan li kieku huma kienu għaddew biex jiddepożitaw is-somma li offrew lil missier l-atturi fil-waqt xieraq. Iżda, minn dan kollu ma sar xejn u ma jidhirx li, sallum, sar xi depożitu preventiv minnhom f'dan ir-rigward. Mhux hekk biss, iżda minkejja li matul din il-kawża ingħataw kull opportunita' biex jirregolaw

irwieħhom bonarjament mal-atturi, baqgħu ma għamlu xejn;

Illi, għalhekk, lanqas it-tieni eċċezzjoni ma hija mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tillikwida s-sehem riżervat li l-atturi jistħoqqilhom jirċievu bejniethom mill-wirt ta' nannuhom patern Emmanuele Ellul, fis-somma ta'disat elef lira Maltija (Lm 9,000);

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-sehem riżervat lilhom dovut u dan (a) billi jassenjawlhom l-utli dominju ta' madwar erbgħin sena li fadal fuq il-ħanut li jinsab f'Birkirkara, Triq il-Kbira, bieb numru mija u tlieta (103), qabel magħruf bħala numru tnejn u ħamsin (52), kif suġġett għall-ħlas ta' ċens ta' ħamsin ċenteżmu (Lm 0.50) kull sena, stmat li jiswa tmint elef lira Maltija (Lm 8,000), u kif ukoll (b) billi jħallsuhom, għal darba waħda biss, is-somma ta' elf lira Maltija (Lm 1,000) bħala ekwiparazzjoni;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna li l-att nutarili meħtieġ jiġi pubblikat fil-bini tal-Qorti nhar il-Ħamis, tmintax (18) ta' Mejju, 2006, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u taħtar lin-Nutar Robert Micallef biex jippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Lydia Żerafa biex tidher minflok dawk il-partijiet interessati li jonqsu li jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra tagħhom, magħdudin dawk li jridu jsiru minħabba l-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku hawn fuq ordnat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------